TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' April, 2025**

**Talba Nru: CCT15/25/DS**

**David Polidano**

**Vs**

**V.G. Tiles Co. Ltd (C6957) / Stones & Blocks Co. Ltd. (C 60944)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' Jannar, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125) depożitu illi kien għamel fuq madum illi kellu jasal Malta fl-ewwel gimgħa ta' Novembru, 2024 pero' ma kienx wasal fil-ħin minħabba diżastru naturali li seħħ ġewwa Valenzia fi Spanja illi tawwal iż-żmien tal-konsenja.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi s-soċjeta' intimata ma dehritx għas-seduta;

Ra illi ma saret l-ebda talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu it-talbiet rikorrenti m'humiex opposti. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta u hija wkoll korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt ġurament.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi s-soċjeta' intimata ma kellmitx aktar lir-rikorrenti minn mindu qaltlu illi ma tistax tirrifondi lura d-depożitu. Sal-llum għaddew diversi xhur u dan il-madum għadu ma ġiex ikkonsenjat lill-attur a detriment tal-istess attur illi kellu proġett x'jillesti fil-propjeta' tiegħu. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attur u jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jiddikjara l-kuntratt ta' bejniet il-partijiet xolt u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€125) lill-attur filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tikkonsenja l-madum kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**